Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Jannar 2024**
**(OR. en)**

**5520/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0004(NLE)**

**FISC 5**
**ECOFIN 57**
**ENER 23**

## PROPOSTA

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 15 ta' Jannar 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 8 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Polonja tapplika tnaqqis fir-rati ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 8 final.

---

Mehmuż: COM(2024) 8 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.1.2024
COM(2024) 8 final

2024/0004 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Polonja tapplika tnaqqis fir-rati ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin

<u>MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI</u>

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[1] (id-"Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija" jew id-"Direttiva").

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

Bis-saħħa tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1197[2] tad-19 ta' Ġunju 2023, il-Polonja kienet awtorizzata tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam, u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin. Dik l-awtorizzazzjoni skadiet fit-30 ta' Ġunju 2023.

Il-Polonja qed tfittex awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika tnaqqis temporanju tar-rati tat-taxxa nazzjonali għaż-żejt kombustibbli, għall-gass naturali, għall-faħam u għall-kokk użati bħala fjuwils għat-tisħin, taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva u fit-Tabella C tal-Anness I tad-Direttiva.

Il-perjodu ta' validità mitlub huwa limitat għal 6 xhur, li huwa fil-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

Permezz ta' ittra bid-data tat-30 ta' Ġunju 2023, l-awtoritajiet Pollakki infurmaw lill-Kummissjoni li beħsiebhom ikomplu japplikaw il-miżura temporanja msemmija hawn fuq għal perjodu ulterjuri ta' 6 xhur, b'effett mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. L-awtoritajiet Pollakki pprovdew informazzjoni addizzjonali fit-8 ta' Settembru 2023, kif ukoll fil-5 u fit-13 ta' Ottubru 2023 rispettivament.

It-talba għal deroga tirrigwarda l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin.

L-awtoritajiet Pollakki indikaw li l-aġġornament annwali tar-rati minimi espressi f'muniti nazzjonali għall-Istati Membri li ma jkunux adottaw il-euro, meħtieġ abbażi tal-Artikolu 13 tad-Direttiva, flimkien mar-rata tal-kambju temporanjament għolja — u mhux favorevoli — tal-euro-zloty (EUR/PLN) fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru 2022, ikun jeħtieġ żieda fil-livelli ta' tassazzjoni applikabbli għall-prodotti kkonċernati[3].

Għalkemm minn dak iż-żmien, ir-rata tal-kambju taż-zloty reġgħet lura għal livell aktar favorevoli, ir-regoli stabbiliti skont l-Artikolu 13 ma jqisuhx dan, u għalhekk l-uniku mod biex il-Polonja żżomm livelli kostanti ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija kkonċernati

[1] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51-70.
[2] ĠU L 158, 21.6.2023, p. 71.
[3] Ir-rata tal-kambju applikabbli għall-2023, hija ta' PLN 4,8320 għal 1 EUR, filwaqt li għall-2022, kienet ta' PLN 4,5826, u għall-2024 se tkun ta' PLN 4,6123.

jkun permezz ta' talba għal deroga. Skont il-Polonja, mingħajr din id-deroga, ikun meħtieġ li jiżdiedu l-livelli ta' tassazzjoni applikabbli għal dawk il-prodotti.

L-objettiv tat-talba Pollakka huwa li ttaffi l-impatt negattiv li potenzjalment jirriżulta mill-aġġustament skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, billi r-rati tat-taxxa nazzjonali rilevanti jinżammu fil-livelli kurrenti tagħhom, taħt il-livelli minimi rilevanti ta' tassazzjoni stabbiliti fid-Direttiva. Dan jikkorrispondi għal tnaqqis fir-rati tat-taxxa nazzjonali espressi f'euro meta mqabbla mar-rati minimi, li jirriżulta mid-differenza fir-rata tal-kambju tal-EUR/PLN wara l-aġġustament annwali mwettaq f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva. Din iż-żamma tar-rati nazzjonali kurrenti tapplika wkoll għal prodotti oħra maħsuba għal finijiet ta' tisħin skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tal-istess Direttiva.

Skont l-awtoritajiet Pollakki, is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika ġġenerata minn inflazzjoni għolja kif ukoll iż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti tal-enerġija għadhom joħolqu problema serja għas-soċjetà Pollakka.

Minbarra l-miżuri l-oħra adottati[4], il-Polonja enfasizzat l-importanza ta' din id-deroga minħabba l-impatt negattiv li jirriżulta miż-żieda qawwija fil-prezz tal-bejgħ tal-enerġija, li hija waħda mill-konsegwenzi tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna. Minbarra l-inflazzjoni bla kontroll, l-awtoritajiet Pollakki enfasizzaw li din is-sitwazzjoni taffettwa direttament kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji.

F'dak ir-rigward, il-Polonja speċifikat li dan it-tnaqqis fir-rata tad-dazju tas-sisa huwa disponibbli għall-konsumaturi kollha li jixtru prodotti tal-enerġija koperti mit-talba għal deroga[5]. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet Pollakki pprovdew it-tabella ta' hawn taħt li tippreżenta x-xejra kumplessiva tal-konsum[6] ta' dawk il-prodotti tal-enerġija.

[4] Bħala parti mill-azzjonijiet meħuda fl-2022, il-Polonja adottat pakkett leġiżlattiv (l-hekk imsejħa Tarka kontra l-Inflazzjoni) imfassal biex jimminimizza l-impatt negattiv imġarrab mill-inflazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Polonja introduċiet għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fir-rati tad-dazju tas-sisa għal ċerti fjuwils tal-magni, żejt ħafif għat-tisħin u l-elettriku, imnaqqsa għall-valuri minimi tal-UE. Dan il-pakkett temporanju ta' leġiżlazzjoni waqaf japplika fl-1 ta' Jannar 2023.
L-awtoritajiet Pollakki semmew ukoll li l-Artikolu 15(1)(h) tad-Direttiva ġie implimentat parzjalment fil-leġiżlazzjoni Pollakka (jiġifieri l-prodotti tal-faħam u tal-gass — li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2705 00 00, 2711 11 00, 2711 21 00 u 2711 29 00 — użati għal skopijiet ta' tisħin mid-djar u minn ċerti utenti speċifiċi oħra, huma eżentati mid-dazju tas-sisa).

[5] Skont l-istimi nazzjonali, l-għadd ta' benefiċjarji diretti ġie kkalkolat għal madwar 6100 kontribwent fil-Polonja, fil-biċċa l-kbira intraprendituri (inkluż kważi 5600 kontribwent li jissottomettu dikjarazzjonijiet dwar il-prodotti tal-faħam).

[6] *Data* estratta mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika (ara, f'dan is-sens: https://stat.gov.pl/wyszukiwarka/?query=tag:zu%C5%BCycie+w%C4%99gla+kamiennego).

**Ċart 1 – Konsum tal-prodotti tal-enerġija (2006–2021)**[7]

| Sena | Faħam (f'eluf ta' tunnellati) | Gass naturali (TJ) | Żejt kombustibbli (f'eluf ta' tunnellati) |
|---|---|---|---|
| **2006** | 83,483 | 493,544 | 1,750 |
| **2007** | 84,230 | 499,571 | 1,711 |
| **2008** | 80,323 | 505,922 | 1,609 |
| **2009** | 73,842 | 488,179 | 1,615 |
| **2010** | 81,979 | 519,923 | 1,587 |
| **2011** | 79,108 | 515,162 | 1,403 |
| **2012** | 75,165 | 552,579 | 1,171 |
| **2013** | 77,300 | 560,164 | 876 |
| **2014** | 72,768 | 542,598 | 795 |
| **2015** | 72,283 | 553,964 | 1,056 |
| **2016** | 74,176 | 592,114 | 1,049 |
| **2017** | 74,637 | 628,517 | 924 |
| **2018** | 74,232 | 660,336 | 813 |
| **2019** | 68,302 | 691,543 | 785 |
| **2020** | 62,404 | 694,653 | 802 |
| **2021** | 69,621 | 741,000 | 889 |

Iċ-ċart ta' hawn fuq turi li bejn l-2006 u l-2010, il-konsum tal-faħam baqa' relattivament stabbli, filwaqt li mill-2010, minkejja xi fluttwazzjonijiet, jidher li kien hemm tnaqqis. Fl-2021, madankollu, kien hemm xi rkupru u l-konsum tal-faħam żdied meta mqabbel mal-2020.

Analiżi tad-*data* mill-2006 sal-2021 turi xejra 'l fuq fil-konsum tal-gass naturali. B'mod kumplessiv, kien hemm żieda fil-konsum tal-gass naturali.

L-awtoritajiet Pollakki saħqu li bejn l-2006 u l-2021, kien hemm tnaqqis fil-konsum taż-żejt kombustibbli. Huma żiedu wkoll li, għalkemm kien hemm xejra ġenerali 'l isfel, kien hemm żieda żgħira fl-2015 u fl-2021.

Skont l-istimi mill-Forum dwar l-Enerġija[8], il-konsum tal-faħam fl-2022 kien ta' madwar 66,000,000 tunnellata, li jirrappreżenta tnaqqis ta' madwar 4,000,000 tunnellata meta mqabbel

[7] Id-*data* għall-2022 se tiġi ppubblikata biss fl-20 ta' Diċembru 2023. L-awtoritajiet Pollakki enfasizzaw ukoll li l-kategoriji/is-setturi tal-konsum indikati mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika għal prodotti individwali ma għandhomx għalfejn ikunu l-istess bħall-kategoriji tal-konsum li huma soġġetti għal dazju tas-sisa effettiv (eż. il-lista tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika tinkludi l-gass naturali użat mill-unitajiet domestiċi, filwaqt li abbażi tar-regolamenti dwar is-sisa, il-konsum huwa eżentat mid-dazju tas-sisa).

mas-sena ta' qabel. Dan jindika kontinwazzjoni tax-xejra ġenerali 'l isfel osservata f'dawn l-aħħar snin.

L-awtoritajiet Pollakki żiedu wkoll li x-xiri tal-gass minn barra l-pajjiż biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-konsumaturi fil-Polonja fl-2022, li jammonta għal 154,5 TWh (556.200 Tj), ġie ssupplimentat mill-gass minn sorsi domestiċi li jammonta għal 39,8 TWh (143,280 Tj). Il-provvisti totali tal-gass minn barra l-pajjiż fl-2022 kienu jinkludu l-importazzjonijiet u x-xiri intra-UE. B'kollox, ix-xiri tal-gass għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi fil-Polonja fl-2022 ammonta għal 699,480 Tj[9]. Bl-użu tal-istess sors ta' informazzjoni, il-Polonja nnotat li fl-2021, ix-xiri tal-gass ammonta għal 831,960 Tj u fl-2020 għal 768,960 Tj. B'referenza għad-*data* fit-tabella, il-Polonja nnotat li x-xejra 'l fuq tas-snin preċedenti hija mistennija tkompli.

Biex juru ż-żieda fil-prezz, l-awtoritajiet Pollakki pprovdew iċ-ċart ta' hawn taħt (Ċart 2) li turi l-prezz medju għall-gass naturali minn Jannar 2020 sa Mejju 2023.

**Ċart 2 – Prezz medju għall-gass naturali (2020-2023)[10]**




Iċ-ċart ta' hawn taħt (Ċart 3), ipprovduta wkoll mill-awtoritajiet Pollakki, turi x-xejriet fil-prezzijiet storiċi tal-faħam u tal-gass naturali fis-swieq bl-ingrossa rispettivi, inkluż iż-żieda fil-prezzijiet fl-2022 marbuta mal-effetti tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

8 Ara, f'dan is-sens: https://nettg.pl/gornictwo/196416/gornictwo-wegiel-do-polski-plynal-wartkim-strumieniem

9 Ara wkoll: https://www.ure.gov.pl/pl/paliwa-gazowe/charakterystyka-rynku/11092,2022.html

10 *Data* estratta mill-Borża tal-Enerġija Pollakka (POLPX).

**Ċart 3 – Prezz spot tal-faħam u tal-gass naturali f'USD (2020-2023)[11]**




Barra minn hekk, l-awtoritajiet Pollakki pprovdew ukoll il-prezzijiet bl-ingrossa (2020-2023)[12] taż-żejt kombustibbli li jidhru fit-tabella ta' hawn taħt (Ċart 4).

**Ċart 4 – Prezzijiet bl-ingrossa għaż-żejt kombustibbli (2020-2023)**




11 *Data* bbażata fuq is-swieq ta' Amsterdam-Rotterdam-Antwerp (ARA) u ta' Richards Bay (l-Afrika t'Isfel); https://www.wnp.pl/gornictwo/notowania/ceny_wegla/, Ġunju 2023
Ceny węgla – prezz tal-faħam; aktualna wartość – valur attwali; zakres – kamp ta' applikazzjoni/perjodu]

12 Abbażi tad-*data* dwar il-prezzijiet bl-ingrossa ta' ORLEN.

Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Pollakki ppreżentaw il-prezzijiet tal-enerġija ta' kuljum fuq il-Borża tal-Enerġija Pollakka (POLPX) fiċ-ċart ta' hawn taħt (Ċart 5).

**Ċart 5 – Prezzijiet tal-Enerġija ta' Kuljum (2016–2023)**




Fir-rigward tal-livelli tat-taxxa dwar il-prodotti kkonċernati, l-awtoritajiet Pollakki pprovdew it-tabella ta' hawn taħt (Tabella A) li tqabbel il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif applikabbli skont id-Direttiva għal kull prodott kopert mit-talba tagħhom, flimkien mar-rati korrispondenti attwalment fis-seħħ fil-Polonja (Jannar 2023). F'dan ir-rigward, huma enfasizzaw li r-rati tad-dazju tas-sisa fuq il-fjuwils għat-tisħin japplikaw mingħajr distinzjoni kemm għall-klijenti mhux kummerċjalikif ukoll dawk kummerċjali.

**Tabella A**

| Prodott tal-enerġija | Valuri minimi tal-UE (EUR) | EUR/PLN (2023) | Valuri minimi tal-UE fl-2023 (PLN) | Dazju tas-sisa fl-2022 (PLN) | Dazju tas-sisa fl-2023 mingħajr ma tinbidel ir-rata tad-dazju tas-sisa (EUR) | Differenza bejn il-valuri minimi tal-UE u t-tassazzjoni attwali (PLN) | Differenza bejn il-valuri minimi tal-UE u t-tassazzjoni attwali (EUR) | Bidla tal-valuri minimi tal-UE fir-rigward tat-tassazzjoni attwali (%) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Żejt kombustibbli** *(f'PLN għal kull 1 000 kg)* | 15 | 4,832 | 72,48 | 69 | 14,2798 | 3,48 | 0,72 | 5,04 |
| **Gass naturali** *(f'PLN għal kull gigajoule tal-valur kalorifiku gross)* | 0,3 | 4,832 | 1,45 | 1,38 | 0,2856 | 0,07 | 0,01 | 5,04 |
| **Faħam u kokk** *(f'PLN għal kull gigajoule tal-valur kalorifiku gross)* | 0,3 | 4,832 | 1,45 | 1,38 | 0,2856 | 0,07 | 0,01 | 5,04 |

Fid-dawl tat-tabella ta' hawn fuq, skont l-awtoritajiet Pollakki, id-differenza bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fid-Direttiva u r-rati Pollakki, tikkorrispondi għal 5,04 %, għall-prodotti kollha tal-enerġija koperti mit-talba tagħhom.

Skont il-Polonja, id-dazju tas-sisa jidher li huwa l-komponent tal-prezz li fuqu huwa possibbli li jsir intervent fuq terminu qasir, biex jittaffew l-effetti mhux mixtieqa tal-aġġustament annwali mwettaq f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva.

Biex jappoġġaw it-talba tagħhom, l-awtoritajiet Pollakki pprovdew iċ-ċarts ta' hawn taħt lill-Kummissjoni, li jippreżentaw (i) ir-rata tal-kambju kif applikabbli fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar minn Jannar 2022 sa April 2023 (Ċart 6); (ii) il-flutwazzjonijiet fir-rata tal-kambju f'Ottubru 2022 (Ċart 7); u (iii) ir-rata tal-kambju medja fix-xahar għall-2022 (Ċart 8).

**Ċart 6 – Rata tal-kambju EUR/PLN fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar (2022-2023)**




**Ċart 7 – Rata tal-kambju EUR/PLN f'Ottubru (2022)**




Abbażi taċ-ċart ta' hawn fuq, l-awtoritajiet Pollakki enfasizzaw li wara li laħqet il-quċċata fil-11 ta' Ottubru 2022, ir-rata tal-kambju EUR/PLN bdiet tonqos progressivament.

Bl-istess mod, enfasizzaw ukoll li, abbażi tat-tabella ta' hawn taħt, ir-rata tal-kambju bid-data ta' Ottubru 2022 kienet l-ogħla fl-2022.

**Ċart 8 – Rata tal-kambju medja ta’ kull xahar ta’ EUR/PLN (2022-2023)**




Fid-dawl tal-informazzjoni ppreżentata fiċ-ċarts ta’ hawn fuq, l-awtoritajiet Pollakki enfasizzaw li l-użu ta’ Ottubru 2022[13] bħala referenza għall-aġġustament annwali, f’konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva, kellu impatt negattiv, speċjalment fid-dawl tal-fluttwazzjoni tal-munita Pollakka. Skont l-awtoritajiet Pollakki, dan l-aġġustament ma jqisx id-dinamika tal-bidliet ekonomiċi, u l-fluttwazzjonijiet fir-rata tal-kambju fil-perjodu minn Ottubru ta’ sena partikolari sal-aħħar ta’ Settembru tas-sena ta’ wara huma irrilevanti. Biex jagħtu aktar evidenza ta’ dan l-effett negattiv, huma ppreżentaw l-eżempju ta’ hawn taħt (Tabella B) li jenfasizza li r-rati tad-dazju tas-sisa għall-prodotti tal-enerġija koperti mit-talba tagħhom kienu jkunu fil-livelli minimi, kif stabbilit fid-Direttiva, kieku l-aġġustament annwali kien ibbażat fuq ir-rata tal-kambju kif kienet f’Jannar 2022.

13 Fl-ewwel jum tax-xogħol ta’ Ottubru 2022, il-valur imsemmi kien l-ogħla għas-sena 2022 u ammonta għal PLN 4,832 għall-euro.

**Tabella B**

| Prodotti tal-enerġija koperti mit-talba | Livelli minimi ta' tassazzjoni tal-UE (f'euro) | Rata tad-dazju tas-sisa (fi zloty Pollakk) | Rata tat-taxxa bbażata fuq ir-rata medja tal-kambju fix-xahar ta' EUR/PLN f'Jannar 2022 | Rata 2023 |
|---|---|---|---|---|
| *Faħam u kokk* *(għal kull gigajoule tal-valur kalorifiku gross)* | 0,3 | 1,38 | 0,3 * 4,55 ≈ 1,37 | Ma hemmx bżonn tibdil |
| *Gass naturali* *(għal kull gigajoule tal-valur kalorifiku gross)* | 0,3 | 1,38 | 0.3 * 4,55 ≈ 1,37 | Ma hemmx bżonn tibdil |
| *Żejt kombustibbli (għal kull 1 000 kg)* | 15 | 69 | 15 * 4,55 ≈ 68 | Ma hemmx bżonn tibdil |

Minħabba l-fatt li r-rata tal-kambju PLN/EUR ta' PLN 4,8320 applikabbli fl-2023 (fl-2022, din ir-rata kienet ta' PLN 4,5826, u għall-2024 se terġa' lura għal livell ta' PLN 4,6123), u biex jinżammu l-livelli minimi meħtieġa tal-UE stabbiliti fid-Direttiva, il-Polonja jidhrilha li kienet tkun meħtieġa żieda fir-rati applikabbli tad-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tal-enerġija msemmija hawn fuq. Għalhekk, jidher li d-deroga hija meħtieġa skont l-awtoritajiet Pollakki.

L-awtoritajiet Pollakki dehrilhom li kien diffiċli li jiġi stmat l-effett fuq il-baġit tal-bidla fir-rati tad-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tal-enerġija koperti. Madankollu, huma kkonfermaw li peress li l-korrezzjoni tar-rati hija minuri, ma għandux ikollha impatt sinifikanti fuq id-dħul mill-baġit, speċjalment peress li l-prezzijiet għoljin tal-vetturi tal-enerġija jiġġeneraw dħul baġitarju ogħla mill-VAT[14].

In-nefqa baġitarja għall-perjodu kopert mit-talba għal deroga hija stmata għal PLN 6,5 miljun (abbażi tad-*data* dwar il-konsum u l-introjtu tal-2022). It-tabella ta' hawn taħt (Tabella C),

[14] Skont l-istimi tagħhom, għar-riċevituri li ma jibbenefikawx mill-eżenzjonijiet mit-taxxa tas-sisa (il-biċċa l-kbira tal-entitajiet li jużaw il-faħam u l-gass naturali għal finijiet ta' tisħin huma eżentati mid-dazju tas-sisa, eż. l-unitajiet domestiċi jew in-negozji intensivi fl-użu tal-enerġija), il-bidla tfisser żieda fil-kostijiet: fil-każ taż-**żejt kombustibbli** b'madwar 0,4 PLN/kg (madwar 0,5 PLN/kg bil-VAT), fil-każ tal-**faħam** b'madwar 1,67 PLN/tunnellata (2 PLN/tunnellata bil-VAT), u fil-każ tal-**gass naturali** b'metan għoli tal-grupp E b'madwar 0,2 PLN/metru kubu (0,27 PLN/kg/$m^3$ inkluża l-VAT).

ipprovduta mill-awtoritajiet Pollakki, tippreżenta f'dan ir-rigward l-implikazzjonijiet baġitarji għal kull wieħed mill-prodotti tal-enerġija kkonċernati.

**Tabella C**

| Prodott soġġett għas-sisa | Implikazzjonijiet baġitarji fir-rigward tad-dazju tas-sisa għall-perjodu ta' 6 xhur tal-2023 [f'miljuni ta' PLN] |
|---|---|
| Żejt kombustibbli u fjuwils oħra użati għat-tisħin | 0,5 |
| Gass naturali u fjuwils oħra tal-gass użati għat-tisħin | 4,2 |
| Faħam u kokk | 1,8 |

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva jaqra kif ġej:

"*Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet msemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikolu 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.*".

L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva jirrikjedi li għall-Istati Membri li ma adottawx il-euro, il-valur tal-euro f'muniti nazzjonali li għandu jiġi applikat mal-valur tal-livelli ta' tassazzjoni għandu jiġi ffissat darba fis-sena. Ir-rati li jridu jiġu applikati għandhom ikunu dawk miġjuba fl-ewwel jum ta' xogħol f'Ottubru u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jiġu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li jkun imiss.

L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva jiddikjara li "*Stati Membri jistgħu iżommu l-ammonti ta' tassazzjoni fis-seħħ sa dak iż-żmien li fih isir l-aġġustament annwali kif imsemmi fil-paragrafu 1 jekk il-konverżjoni tal-ammonti tal-livell ta' tassazzjoni espressi fil-munita euro jirriżulta f'żieda ta' inqas minn 5 % jew EUR 5, liema jkun l-inqas ammont, fil-livell ta' tassazzjoni espressa fil-munita nazzjonali*".

Ir-rati nazzjonali Pollakki rilevanti, ikkonvertiti abbażi tal-Artikolu 13(1), huma ftit aktar mit-tolleranza ta' 5 % permessa skont l-Artikolu 13(2) tal-istess Direttiva. Billi jitolbu deroga biex jippermettu n-nuqqas ta' indiċjar tar-rati nazzjonali tagħhom, l-awtoritajiet Pollakki qed jitolbu żieda temporanja żgħira ħafna (anqas minn punt perċentwali wieħed) fil-livell ta' tolleranza applikabbli għall-aġġustament annwali tar-rati għal perjodu limitat.

Permezz tad-deroga mitluba, limitata fiż-żmien, l-awtoritajiet Pollakki għandhom l-intenzjoni li jtaffu l-impatt negattiv li jirriżulta minn żieda fil-livelli ta' tassazzjoni minħabba rata tal-kambju tal-euro għolja għall-euro-zloty (EUR/PLN), applikabbli minħabba l-Artikolu 13 tad-Direttiva. Dak it-tnaqqis jikkorrispondi għall-ammont li jirriżulta mid-differenza fir-rata tal-kambju wara l-aġġustament annwali mwettaq f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva.

Il-Polonja jidhrilha li l-miżura temporanja għandha ttaffi parzjalment il-piż soċjali u ekonomiku li l-konsumaturi Pollakki qegħdin jgħaddu minnu fil-kuntest ġeopolitiku attwali. L-awtoritajiet Pollakki indikaw li t-tnaqqis fit-taxxa jkun ta' benefiċċju anke għall-bejjiegħa tal-prodotti tal-enerġija koperti.

Il-possibilità li jinżamm dan it-tnaqqis fit-taxxa tista' tkun prevista skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva minħabba li l-għan tagħha huwa li tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis għal kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika.

Il-perjodu limitat ta' validità ta' 6 xhur huwa fi ħdan il-perjodu massimu permess bl-Artikolu 19(2) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, li jistabbilixxi, għal dan it-tip ta' miżura, perjodu massimu ta' 6 snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid.

Madankollu, id-deroga ma għandhiex timmina l-adozzjoni futura mill-Kunsill ta' att legali bbażat fuq proposta tal-Kummissjoni għall-emendar tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija[15].

*Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat*

It-tnaqqis temporanju tat-taxxa previst mill-awtoritajiet Pollakki jaqa' taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni rilevanti kif stabbilit fid-Direttiva.

Din il-proposta hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni tal-miżura Pollakka skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ma tippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Kull talba għal deroga skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija trid tiġi eżaminata mill-Kummissjoni filwaqt li jitqiesu: (i) il-funzjonament xieraq tas-suq intern; (ii) il-ħtieġa li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta; (iii) u l-politiki tal-UE dwar is-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

Kif enfasizzaw l-awtoritajiet Pollakki, l-objettiv ta' dan it-tnaqqis fit-taxxa huwa li jittaffa parzjalment il-piż soċjali u ekonomiku li l-popolazzjoni Pollakka tiffaċċja f'każ ta' żieda fit-taxxa minħabba r-rata tal-kambju għolja tal-euro, flimkien ma' inflazzjoni bla kontroll li taffettwa kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lin-negozji, parzjalment minħabba ż-żieda reċenti fil-prezz li rriżultat mill-kunflitt fl-Ukrajna.

Bħala riżultat ta' din is-sitwazzjoni, it-tnaqqis temporanju x'aktarx li ma jaffettwax il-kummerċ intra-UE. Minħabba l-effetti u d-durata limitati tagħha, il-miżura mitluba ma għandhiex ixxekkel il-kompetizzjoni jew tfixkel il-funzjonament tas-suq intern.

Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni RePowerEU[16], filwaqt li tagħmel enfasi fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji vulnerabbli, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri li jinċentivaw l-iffrankar tal-enerġija u jnaqqsu l-konsum tal-fjuwils fossili. Madankollu,

---

[15] Il-Proposta għal direttiva tal-Kunsill li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni), 14.7.2021, 563 final 2021/0213 (CNS).

[16] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "*REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli*", (COM(2022) 108 final, 8.3.2022).

minħabba d-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kurrenti marbuta mas-sitwazzjoni ġeopolitika, id-deroga mitluba tidher xierqa u proporzjonata. Il-miżura tqis ukoll il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-objettivi ta' politika speċifiċi elenkati fl-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, u b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-UE, bil-ħtieġa essenzjali li tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.

F'dawn iċ-ċirkostanzi u minħabba li l-miżura hija temporanja u limitata fil-kamp ta' applikazzjoni, jixraq li tingħata l-awtorizzazzjoni kif mitlub.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' liġi sekondarja, biex jawtorizza lil Stat Membru jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. Għaldaqstant, il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma huwiex applikabbli għal din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att mhuwiex abbozz ta' att leġiżlattiv, ma għandux jiġi trażmess lill-parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal rieżami ta' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità.
It-tnaqqis tat-taxxa ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv inkwistjoni.
It-tnaqqis tat-taxxa huwa applikabbli matul perjodu limitat ta' żmien ta' 6 xhur.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.
L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprevedi din it-tip ta' miżura biss.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-miżura ma tirrikjedix l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mill-Polonja u tikkonċerna lil dan l-Istat Membru biss.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma tirrikjedix valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tipprevedix simplifikazzjoni.
Din hija r-riżultat ta' talba li għamlet il-Polonja u tikkonċerna lil dan l-Istat Membru biss.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma timponi ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux meħtieġ pjan ta' implimentazzjoni. Il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal tnaqqis fit-taxxa mogħtija lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess. Din hija pprovduta għal perjodu limitat ta' 6 xhur.

Ir-rati tat-taxxa applikabbli se jkunu anqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti bid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (l-Artikolu 9).

Il-miżura tista' tiġi evalwata f'każ li jintalab tiġdid wara li l-perjodu ta' validità jkun skada.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma tirrikjedix dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula li l-Polonja se titħalla tapplika rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin, taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni.

L-Artikolu 2 jistipula li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata sa 6 xhur, kif mitlub mill-Polonja, fil-perjodu massimu ta' 6 snin permess mid-Direttiva.

2024/0004 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza lill-Polonja tapplika tnaqqis fir-rati ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[17], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1197[18], il-Polonja kienet awtorizzata tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE. Dik l-awtorizzazzjoni skadiet fit-30 ta' Ġunju 2023.

(2) Permezz tal-ittra tat-30 ta' Ġunju 2023, il-Polonja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam, u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE. Aktar informazzjoni u kjarifiki b'appoġġ għat-talba ġew ipprovduti mill-awtoritajiet Pollakki fit-8 ta' Settembru 2023, u fil-5 u fit-13 ta' Ottubru 2023. L-awtorizzazzjoni ntalbet għal perjodu ta' 6 xhur li jibda mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

(3) Skont l-awtoritajiet Pollakki, l-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa mnaqqsa għandha l-għan li ttaffi l-impatt negattiv li kien ikun ikkawżat minħabba żieda fil-livelli ta' tassazzjoni minħabba rata tal-kambju għolja bejn il-euro u ż-złoty, f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2003/96/KE. Dak it-tnaqqis jikkorrispondi għall-ammont li jirriżulta mid-differenza fir-rata tal-kambju taż-żewġ muniti wara l-aġġustament annwali mwettaq f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva. Dak it-tnaqqis jagħmel ir-rati tat-taxxa applikabbli taħt il-livelli minimi rilevanti ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/96/KE.

(4) L-awtorizzazzjoni mitluba aktarx mhux se toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni jew tfixkel il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Minħabba d-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mas-sitwazzjoni ġeopolitika, l-awtorizzazzjoni mitluba titqies adegwata u proporzjonata. L-awtorizzazzjoni tibbilanċja l-kunsiderazzjonijiet ta' politika speċifiċi msemmija fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE, u b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-Unjoni, bil-ħtieġa li tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi. It-tnaqqis fit-taxxa jikkumpensa parzjalment iż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u ma huwiex kumulattiv ma' xi tip ieħor ta' tnaqqis fit-taxxa.

[17] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.
[18] ĠU L 158, 21.6.2023, p. 71.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Polonja tkun awtorizzata tkompli tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibblil, il-gass naturali, il-faħam u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin, kif mitlub.

(6) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dik id-dispożizzjoni għandu jkollha żmien limitat. Madankollu, biex ma jiddgħajfux l-iżviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li jiġi stabbilit li, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku li għalihom ma tkunx tista' tiġi adattata din l-awtorizzazzjoni, jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni tieqaf tapplika fil-jum li fih dawk ir-regoli ġenerali jsiru applikabbli.

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-effetti negattivi għall-konsumaturi tal-prodotti tal-enerġija jiġu indirizzati bla xkiel, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-Polonja tkun tista' tapplika t-tnaqqis fit-taxxa, kif mitlub, b'effett mill-1 ta' Lulju 2023.

(8) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Polonja hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt kombustibbli, il-gass naturali, il-faħam u l-kokk, użati bħala fjuwils għat-tisħin, taħt il-livelli minimi rilevanti ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/96/KE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Madankollu, jekk il-Kunsill li jkun qiegħed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku li għalihom l-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma tkunx adattata, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fil-jum li fih dik is-sistema ssir applikabbli.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*